# Kumitat Amministrattiv SWATAR
**Kunsilli Lokali ta' Birkikara u L-Imsida**

# Minuti

## Seduta Nru. 4/2010

Data: It-Tnejn, 4 t'Ottubru 2010

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Michael Fenech Adami – Sindku ta' Birkirkara
Clifton Grima – Sindku ta' L-Imsida
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Attivitá "*Traffic Awareness Day*" – 2 ta' Novembru 2010
6. Komunikazzjoni miċ-Chairman
7. Affarijiet Oħra
8. Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 4/2010

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

**Minuti 4/2010**

# 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tas-Seduta 3/2010 li saret nhar it-30 ta' Awwissu 2010, kienu tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjonijiet f'item 4.4.2 u 7.1.2 u wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

# 3. Punti mqajma mill-Minuti

3.1 **Fuq punt 3.4** – Is-Sindku ta' L-Imsida spjega li l-ispiża tal-perit mhux vera li ser tiswa madwar €1,000. Fil-verita', l-ispiża tal-perit mhux ser tiswa ħafna flus għax il-perit jiċċarġja bil-1.9% fuq il-prezz u żgur mhux ser taqbeż ħafna fil-prezz.

Spiża tal-perit fuq traffic management

3.1.2 **Fuq punt 3.3.3** – Is-Sur Rudolph Cini qal li avviċinatu l-persuna li għamlet l-ilment u rringrazzjat lill-Kumitat ta' l-interess li qed jieħu u li issa l-ilma waqaf. L-Aġent Segretarju nforma lill-Kumitat li s-sanita għadhom ma ġewx infurmati bl-ilment għax ma rrnexxilux jaqbadhom. Madanakollu, l-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju xorta jibqa jipprova jaqbad lis-sanita' u jirrapporta l-ilment.

Ilma ħiereġ mill-Flats

3.1.3 **Fuq punt 3.6** – L-Aġent Segretarju ppreżenta lill-Kumitat ir-risposta tal-perit sabiex jitranġa t-taraġ ta' *Valley Road*. Il-Perit tal-Kunsill ta' Birkirkara qed jissuġġerixxi wkoll li jitkompla l-istudju u jaraw minn fejn ser jgħaddi l-ilma sabiex jiġi evitat li jgħaddi mit-taraġ. Il-Kumitat qabel unanimament mal-proposta tal-Perit.

Valley Road

3.1.4 **Fuq punt 3.7** – L-Aġent Segretarju għandu f'idejh il-mapep tas-Swatar u l-laqgħa biex jiġu diskussi l-konfini ser tkun nhar Il-Ġimgħa, 8 t'Ottubru 2010 fl-4pm.

Konfini

3.1.5 **Fuq punt 3.9** – L-Aġent Segretarju kkonferma li issa t-tabella ta' quddiem il-car park tal-Knisja ta' San Ġorġ Preca twaħħlet.

Tabella quddiem il-Knisja ta' San Ġorġ Preca

3.1.6 **Fuq punt 4.1** – L-Aġent Segretarju qal li s-Sur Magrin ġie infurmat bid-deċiżjoni tal-Kumitat pero għadu ma rċieva xejn minn għandu fuq dettalji u ritratti ta' l-ilment.

Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

3.1.7 **Fuq punt 4.2** – Iċ-*Chairperson* qalet li l-problema tar-roundabout ġiet solvuta u l-Kumitat m'għandu jieħu ebda azzjoni.

*Roundabout* quddiem it-Triq P. Borg Olivier

3.1.8 **Fuq punt 4.3** – L-Aġent Segretarju qal li l-ilment intbgħat lill-Kunsill

Żebgħa tas-sinjali tat-toroq

ta' Birkirkara u sa llum is-sinjali għadhom ma sarux.

3.1.9 **Fuq punt 4.4** – Is-Sindku ta' Birkirkara qal li hemm ċans kbir li-tintilef parti mill-art tal-proġett għax il-MEPA qaltlu li f'din l-art hemm pjanat li jinbnew blokk ta' appartamenti tal-Gvern. Is-Sindku qal ukoll li xorta ser japplika għall-fondi imbagħad jekk ikun hemm il-ħtieġa tiġi emendata l-pjanta. Proġett tas-Sisla

3.2 **Fuq punt 7.1** – L-Aġent Segretarju qal li l-applikazzjoni ntbagħtet fil-ħin lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali pero ma kellhiex dettalji li kienet tirrikjedi l-istess applikazzjoni. Wara, l-Aġent Segretarju irċieva email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex fi żmien jumejn jibgħat iktar dettalji fuq l-attivita bħal fejn ser issir, meta u stima. L-Aġent Segretarju sostna li kienet impossibbli li dawk id-dettalji jintbgħatu fi żmien jumejn u ma bgħat xejn. Attivita għas-sena 2011

3.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li jistenna jekk mhux ser tiġi aċċettata kif inhi pero darb'oħra applikazzjoni simili bħall-din jiġu mimlija fid-dettall mall-ewwel.

3.3 **Fuq punt 8.2** – Iċ-*Chairperson* qalet li marret tistaqsi min huma l-leaders taż-ŻAK sabiex jgħatu żewġ dati meta jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-Kumitat sabiex iċ-*Chairperson* flimkien mas-Sur Mario Xuereb u Rudolph Cini jmorru jkellmuhom fuq il-Kunsill taż-Żagħżagħ. Sa llum, minn naħa taz-ZAK, ebda feedback ma wasal. Kunsill taż-żagħżagħ

3.4 **Fuq Punt 8.4** – L-Aġent Segretarju informa lill-Kumitat x'ġara fil-laqgħa mall-Maġġur Engerer fejn ġie diskuss il-programm ta' l-Attivita' "Traffic Awareness Day". Għall-din il-laqgħa kien hemm preżenti barra l-Aġent Segretarju, is-Sinjura Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), is-Sinjura Yvonne Spiteri (membru) u s-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai (Viċi Sindku tal-Imsida). L-Aġent Segretarju spjega l-programm fid-dettall sabiex il-Kumitat ikun jista' jiddeċiedi fuqu. L-attivita' ser issir fit-2 ta' Novembru 2010 ġewwa l-carpark tal-Knisja ta' San Ġorġ Preca. L-Attivita' ser tibda permezz ta' Quddiesa fid-disa u wara ikun hemm talks għat-tfal ta' etajiet differenti, show tal-klieb tal-Pulizija u wirja ta' muturi u karozzi tal-Pulizija. L-attivita' ser tibda fid-9am u tispiċċa fil-5pm. Barra minn hekk, il-Maġġur Engerer ta lill-Kumitat posters lesti tal-playmobil sabiex jitqassmu lill-ħwienet bid-dettalji ta' l-attivita'. Attivita' 'Traffic Awareness Day'

3.4.1 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai kellha tiċċekkja mal-Playmobil sabiex tara jekk ma jkunux jistgħu jiġu għall-attivita u barra li jekk iridu jarmaw *stand* tagħhom, jgħatu xi ħaġa żgħira lill-kull tifel/tifla li jkunu preżenti. L-aġent Segretarju rċieva risposta mis-Sinjorina Margaret Baldaccino Cefai li għadha qed tistenna risposta minn għandhom.

3.4.2 Iċ-*Chairperson* qalet li tkellmu ma l-Assistent Kummissarju Michael Cassar fejn ser jagħmel talk ta' l-aħħar fuq drogi u ż-żagħżagħ ma xiex

jistgħu jiltaqgħu. Kulma jonqos hu li l-Kumitat jikkonfermalu l-ħin meta ser jagħmel it-talk.

3.4.3 L-Aġent Segretarju sostna li l-ħinijiet iffissati mall-Maġġur Engerer ma jistgħux jiċċaqalqu minn kif inhuma għax ikollu problema bix-*shifts*.

3.4.4 Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li minflok *talks* biss ikun hemm għaddejja attivita' bir-roti. L-Aġent Segretarju wieġeb li ssemmiet waqt il-laqgħa mal-Maġġur Engerer u din mgħadiex issir mill-Pulizija għax minflok edukattiva kienet qed tispiċċa tellieqa.

3.4.5 Iċ-*Chiarperson* qalet din l-Attivita' ser tkun laqgħa mar-residenti b'attivita' wkoll.

3.4.6 Saret diskussjoni fuq kif ser tiġi pubbliċizzata din l-Attivita'. Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li l-*poster* jiġi skannjat u jintbagħat lill-Kunsill ta' Birkirkara imbagħad jieħu ħsieb li jagħmlu A5, jipprintjah u jitqassam lill-kull resident. L-Aġent Segretarju sostna li l-*poster* tal-Playmobil jista' joħroġ biss jekk ikun hemm konferma mill-Playmobil. L-Aġent Segretarju kompla jgħid li jekk ma jkunux ġejjin il-Playmobil, dawk il-*posters* ma jintużawx u jagħmel *poster* hu. Fl-aħħar ġie deċiż li l-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida jgħinu fil-*printing* u tqassim tal-*poster* ta' l-Attivita' lil kull resident tas-Swatar. Ġie deċiż ukoll li l-membri tal-Kumitat ser iduru l-għaqdiet bħall-iscouts u l-mużew sabiex jistiednuhom u jħeġġuhom jaqdu grupp ta' tfal u jtellgħuhom għall-attivita'. Din l-attivita ser tkun miftugħa wkoll għall-lokalita' ta' Birkirkara u tal-Imsida.

3.4.7 Saret diskussjoni fuq il-programm. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li sal-5pm ser tkun twila wisq u n-nies jiddejqu. Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li tar-roti ssir u l-ħin ta' l-attivita' jiġi sas-1pm. Is-Sur Xuereb issuġġerixxa li l-programm jieħu ħsiebu hu u jemendah, ikellem lill-Assistent Kumissarju s-Sur Josie Brincat sabiex jiddiskuti l-programm kif emendat u jgħaddih lill-kull membru tal-Kumitat. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta.

3.4.8 Is-Sinjura Yvonne Spiteri u s-sinjura Mayrose Mifsud marru jitkellmu ma mportatur tal-frott u hu lest li joffri l-frott kollu *b'cost price* u l-Kumitat ibiegħhom mingħajr profit. Is-Sinjura Yvonne qalet li din tkun ta' eżempju tajjeb għat-tfal u flok jixtru burgers u affarijiet oħra tkun xi ħaġa *healthy*. Il-flus li jinġabru jmorru għall-Knisja. L-Aġent Segretarju qal li jekk ser jieħu ħsieba l-Kumitat u jitlob xi flus irid joħroġ irċevuta u jrid japplika għall-Bye-Law. Il-Kumitat iddeċieda li din tmur f'idejn il-Knisja jew iż-ZAK u l-Kumitat ma jkollu x'jaqsam xejn fiha.

3.5 **Fuq Punt 9.2** – L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Fenech Adami u s-Sinjura Baldacchino Cefai iċċekkjaw mal-Kunsilli rispettivi tagħhom u kkonfermaw li dawn ir-rotot qatt ma waslu għand il-Kunsill. Il-Kumitat iddeċieda li s-Sur Mario Xuereb għandu jipprova jakwista kopja tar-rotot il-ġodda kif proposti u s-Sur Jimmy Zahra għandu

Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku

jitkellem mal-President tat-Trasport sabiex il-Kumitat ikun jista jiddiskutihom.

## 4. Korrispondenza

4.1 Ma kienx hemm ebda korrispondenza.

## 5. Attivitá "Traffic Awareness Day" – 2 ta' Novembru 2010

5.1 Ġiet diskussa iktar 'l fuq

## 6. Komunikazzjoni miċ-Chairman (tkompli)

6.1 Iċ-*Chairperson* qalet li peress li l-Kumitat kulma jiltaqa' darba f'xahar biss, irid jingħadda kull ħaġa li jkun hemm u l-Kumitat ma jistax jagħmel laqgħa ta' siegħa u nofs biss u jiddiskuti kollox. Għaldaqstant, iċ-*Chairperson* qed titlob lill-membri li jieħdu paċenzja jekk il-laqgħa ddum iktar minn sagħtejn. Laqgħat tal-Kumitat

6.1.1 Is-Sur Michael Fenech Adami irrimarka li ma jistax jifhem għaliex l-ilmenti jiġu diskussi fil-laqgħa meta hemm il-Kunsilli li jistgħu jgħaddu direttament lilhom. L-Aġent Segretarju irrisponda li l-proċedura diġa hekk qegħda ssir u dawk l-ilmenti biss li jirrikjedu diskussjoni mill-Kumitat jgħaddu quddiem il-Kumitat.

6.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat fejn ser jitwaħħlu *id-dust bins*. Barra minn hekk irringrazzjat lill-Kunsill ta' Birkirkara u tal-Imsida talli taw dawn il-*bins* b'xejn lill-Kumitat. Dust Bins

## 7. Affarijiet Oħra

7.1 Is-Segretarju għarraf lill-Kumitat rigward il-proġett tal-Bandli, irċieva email *b'deadline* sat-8 t'Ottubru 2010 sabiex jissottometti konferma jekk il-manutenzjoni tirrikjedix permess mill-MEPA kif ukoll jekk m'humiex skont id-*Draft Standards tal-playingfields*. Is-Segretarju qal li kellu jneħħi l-ħajt tas-sejjieħ għax tirrikjedi permess mill-MEPA u skont parir tal-Perit tal-Kunsill ta' L-Imsida, din ma kienitx ser tiġi approvata. Għaldaqstant l-istima ser tkun ferm inqas minn €20,000. Rigward *l-Istandards*, il-Kumitat għandu joqgħod attent li jimxi skont *l-istandards*. Proġett Bandli tas-Swatar.

7.2 Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li jintbagħat *joint leaflet* flimkien mal-Kunsilli Lokali lill-kull resident sabiex il-Kumitat juri li qiegħed hemm biex jaqdi lir-residenti. Dan għandu tkun *leaflet* żgħir ta' paġna waħda fejn kull membru jkollu spazju ta' paragrafu biex jagħmel il-messaġġ tiegħu. Il-Kumitat qabel li kull Membru jibgħat lill-Aġent Segretarju paragrafu b'ritratt tiegħu sabiex hu jgħaddihom lill-Kunsill. Leaflet mill-Kumitat

7.3 Is-Sur Clifton Grima qal li għall-*Magazine* tal-Kunsill tal-Imsida li ser Magazine tal-Kunsill ta' L-Imsida.

jitqassam fin-nofs ta' Diċembru 2010, għandu bżonn ukoll artiklu mill-Kumitat u idealment kullħadd jikteb xi ħaġa. Iċ-*Chairperson* qalet li għall-dan il-*magazine*, ser terġa tibgħat l-istess artiklu li bagħtet għall-*magazine* tal-Kunsill ta' Birkirkara emendat għaż-żmien il-Milied. Il-Kumitat qabel.

7.4 Is-Sinjura Yvonne Spiteri ikkummentat li jrid isir xi ħaġa fit-triq tal-Maypole għax qed tkun wisq traffikuża u ssuġġeriet li ssir *one way*.

7.5 Iċ-*Chairperson* qalet li rigward il-fanal u *wires* ta' fuq l-arblu ta' Triq Paul Borg Olivier, ir-residenti ma qablux li jitwaħħlu mal-faċċata tagħhom. Iċ-*Chairperson* ser tipprova tkellem lill-persuna tat-triq li serquha.

## 8. Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7:30pm għat-Tnejn 1 ta' Novembru 2010 ġewwa l-Kunsill Lokali ta' L-imsida.

______________________ ______________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

______________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **3.1.2** | **Fuq item 4.5.1 –** Ilma ħiereġ mill-Flats | Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju xorta jibqa jipprova jaqbad lis-sanita' u jirrapporta l-ilment. | Aġent Segretarju, Swatar |
| **3.1.3** | **Fuq punt 5.4** - Valley Road | Il-Perit tal-Kunsill ta' Birkirkara qed jissuġġerixxi wkoll li jitkompla l-istudju u jaraw minn fejn ser jgħaddi l-ilma sabiex jiġi evitat li jgħaddi mit-taraġ. Il-Kumitat qabel unanimament mal-proposta tal-Perit. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **3.1.9** | Proġett tas-Sisla | Il-Kumitat iddeċieda li l-Kunsill ta' Birkirkara japplika għall-proġett tas-Sisla kif indikat fil-pjanta u d-dettalji ta' kif ser jitqassam il-proġett jiġu diskussi wara. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **3.4** | Attivita' '*Traffic Awareness Day*' | Sinjorina Margaret Baldaccino Cefai għadha qed tistenna risposta minn għand il-Playmobil. | Viċi Sindku, L-Imsida |
| **3.5** | Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku | Il-Kumitat iddeċieda li s-Sur Mario Xuereb għandu jipprova jakwista kopja tar-rotot il-ġodda kif proposti u s-Sur Jimmy Zahra għandu jitkellem mal-President tat-Trasport sabiex il-Kumitat ikun jista jiddiskutihom. | S-Sur Mario Xuereb u S-Sur Jimmy Zahra |
| **7.2** | Leaflet mill-Kumitat | Il-Kumitat qabel li kull Membru jibgħat lill-Aġent Segretarju paragrafu b'ritratt tiegħu sabiex hu jgħaddihom lill-Kunsill. | Membri KAS |